**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TLETIN**

**29 ta' NOVEMBRU, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresieda l-laqgħa.

**30.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

30.1.1 Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***30.2*** ***Attivita' l-Artiġjanat fiż-Żurrieq***

30.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-attivita' ma saritx fid-29ta' Ottubru, 2016, minħabba l-maltemp u minflok saret Sibt ta' wara. Hu qal li l-attivita' kienet suċċess u l-invoices ser jitħallsu fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

***30.3*** ***Suġġerimenti u ilmenti***

30.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li d-dwal tal-Milied f'Bubaqra intrama fil-weekend li għadda, mis-sezzjoni Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria.

30.3.2 Kien hemm qbil li terġa ssir il-kartolina tal-Milied u li fiha jitqassam avviż tal-laqgħa annwali.

30.3.3 Kien hemm qbil d-data tal-film għat-tfal ser issir fis-27ta' Diċembru u t-tluq bit-trasport isir mill-Misraħ Santa Marija fid-8:45.
Kien hemm qbil li l-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv jkunu preżenti waqt l-attivita' biex jagħtu l-għajnuna tagħhom u jiġu megħjuna ukoll minn nurse kwalifikata li tiġi għal li jista jinqala. Il-prezz ser ikun ta' 5Euro kull tifel/tifla li jinkludi cinema, popcorn u drink. Kien hemm qbil li l-Kumitat jissussidja parti mill-prezz u l-avviż joħroġ li t-tfal iħallsu 4Euro. Kien hemm qbil ukoll li jinġib sponsor biex tingħata borża ħelu wara li jispiċċa l-film.

30.3.4 Tressaq ir-rapport amministrattiv ta' din is-sena u ġie maqbul li l-laqgħa annwali ssir fl-14 ta' Diċembru, 2016, fis-sala tal-kappella ta' Bubaqra fis-18:15.

30.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sal-aħħar tas-sena ser jibqa bejn wieħed u ieħor 88,000Euro fil-kont tal-Kumitat Amministrattiv.
F'dan il-punt il-Membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir wiċċ ġdid ta' Triq Gio Batta Riccio, li hi l-unika triq li għadha bla wiċċ, f'Bubaqra. Kien hemm qbil li tinġieb stima mingħand il-perit.

30.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li resident fi Triq it-Torri k/m Misraħ Santa Marija irid mera għax qed tkun perikoluża għall-familja tiegħu biex joħorġu mill-garaxx tad-dar tagħhom. Din il-mera intalbet li ssir ma' faċċata ta' garaxx, li jinsab faċċata tar-residenza tagħhom u li hu ukoll propjeta' tagħhom.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

### *30.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

30.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:30 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru, 2016 fis-18:30.

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2016

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |